MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1202/2003

**Andrea sive Andrew Grech pro noe et**
**Vs**
**Joseph Grech et.**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet: illi in forza ta' testment maghmul 'unica charta' mill-genituri tal-kontendenti, George u Maria Carmela, konjugi Grech, fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino tat-8 ta' Gunju, 1994 – li kopja tieghu tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'A' – it-testaturi George u Maria Carmela, konjugi Grech hallew b'titolu ta' prelegat in piena proprjeta' konsegwibbli wara l-mew tas-superstiti fosthom (i) lill-attur Andrea Grech il-porzjon diviza mill-fond numru 52, Mtarfa Road, Mtarfa, limiti tar-Rabat indikata bl-ittra 'A' fuq il-pjanta annessa bhala Dok 'X' mal-imsemmi testment (tali pjanta qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B'), liema prozjon diviza ghandha kejl ta' cirka hames

mija u wiehed u sttin metri kwadri (561 m.k.), kif ukoll l-oggett kollha mobbli ezistenti fl-istess fond mill-ghatba ‘l gewwa eskluzi biss l-oggetti tad-deheb, flus u titoli rapprezentanti flus; (ii) lill-attur John Grech il-porzjon diviza mill-istess fond numru 52, Mtarfa Road, Mtarfa, limiti tar-Rabat indikata bl-ittra ‘B’ fuq il-pjanta annessa mal-imsemmi testment bala Dok. ‘X’ (liema pjanta tinsab hawn annessa bala Dok. ‘B’) tal-kelja ta’ circa mija u sitta u disghin maetri kwadri (196 m.k.); u (iii) lill-attrici Rose mart Nazzareno Gauci illi hija assenti minn dawn il-gzejjer u qed tigi rapprezentata f’dawn il-proceduri minn huha l-attur Andrea sive Andrew Grech in forza tal-prokura li qed tigi hawn annessa bhala Dok. ‘C’, porzjon diviza mill-istess fond numru 52, Mtarfa Road, Mtarfa, limiti tar-Rabat indikata bl-ittra ‘C’ fuq il-pjanta annessa mal-imsemmi testment bhala Dok. ‘X’ (liema pjanta tinsab hawn annessa bhala Dok. ‘B’) tal-kejl ta’ circa mitejn metri kwadri (200 m.k.);

Illi permezz ta’ l-istess testment ‘unica charta’ datat it-8 ta’ Gunju, 1994 u iskritt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino, it-testaturi George u Maria Carmela, konjugi Grech innominaw bhala eredi universali taghhom fi kwoti ndaqs bejniethom lill-hames uliedhom, u cioe’ lill-atturi Andrea sive Andrew Grech, John Grech u Rose mart Nazzareno Gauci u lill-konvenuti Joseph Grech u Teresa mart Angelo Ciangura;

Illi t-testatrici Maria Carmela Grech mietet fit-8 t’April, 1998 (vide Dok. ‘D’) u mir-ricerki testamentarji jirrizulta illi hija ma kellha ebda testment sigriet (vide Dok. ‘E’) u li l-ahhar testment revokatorju taghha huwa dak maghmul ‘unica charta’ flimkien ma’ zewgha George Grech datat it-8 ta’ Gunju, 1994 u iskritt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino (vide Dok. ‘F’);

Illi t-testaturi George Grech miet fl-24 ta’ Dicembru, 2002 (vide Dok. ‘G’) u mir-ricerki testamentarji jirrizulta illi huwa ma kellu ebda testment sigriet (vide Dok. ‘H’) u li l-ahhar testment revokatorju tieghu huwa dak maghmul ‘unica charta’ flimkien ma’ martu Maria Carmela Grech datat it-8

ta’ Gunju, 1994 u iskritt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino (vide Dok. ‘I’);

Illi l-atturi ghandhom ma gewx immessi fil-pussess tal-fuq imsemmi prelegat.

Illi l-atturi ghamlu d-dikjarazzjoni ‘causamortis u hallsu t-taxxa relattiva (vide Dok. ‘J’);

Illi l-atturi jridu illi l-pozizzjoni taghhom bhala prelegatarji tkun ghal kollox regolazzata huwa interpellaw lill-konvenuti diversi drabi, anke ufficjalment (vide Doks. ‘K – O’) sabiex jimmittuhom fil-pussess ta’ sehemhom mill-imsemmi prelegat izda l-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Qorti:

1. Prevja kull dikjarazzjoni talvolta mehtiega u necessarja, tordna lill-konvenuti sabiex, ghal kull fini u effett tal-ligi, jimmittu fil-pussess lill-attur Andrea sive Andrew Grech tal-porzjon diviza mill-fond numru 52, Mtarfa Road, Mtarfa, limiti tar-Rabat indikata bl-ittra ‘A’ fuq il-pjanta annessa bhala Dok ‘X’ mal-imsemmi testment (vide Dok. ‘B’), liema porzjon diviza ghandha kejl ta’ cirka hames mija u wiehed u sittin metri kwadri (561 m.k.), kif ukoll tal-oggett kollha mobbli ezistenti fl-istess fond mill-ghatba ‘l gewwa eskluzi biss l-oggetti tad-deheb, flus u titoli rapprezentanti flus, jimmittu fil-pussess lill-attur John Grech tal-porzjon diviza mill-istess fond numru 52, Mtarfa Road, Mtarfa, limiti tar-Rabat indikata bl-ittra ‘B’ fuq il-pjanta annessa mal-imsemmi testment bhala dok. ‘X’ (vide Dok. ‘B’) tal-kejl ta’ circa mija u sitta u disghin metri kwadri (196 m.k.) u jimmittu fil-pussess lill-attrici Rose mart Nazzareno Gauci, kif rapprezentata f’dawn il-proceduri minn huha l-attru Andrea sive Andrew Grech, tal-porzjon diviza mill-istess fond numru 52, Mtarfa Road, Mtarfa, limiti tar-Rabat indikata bl-ittra ‘C’ fuq il-pjanta annessa mal-imsemmi testment bhala Dok. ‘X’ (vide Dok. ‘B’) tal-kejl ta’ circa mitejn metri kwadri (200 m.k.) ta’ sehemhom mill-prelegat tal-imsemmija propjeta’ immobbli

cioe' l-konvenut Joseph Grech ghall-kwinta parti (1/5) indiviza tieghu u l-konvenuta Teresa mart Angelo Ciangura ghall-kwinta parti (1/5) indiviza taghha; u

2. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippublika l-kuntratt relattiv fil-jum, lok u hin illi jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti u tinnomina kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-konvenuti fuq l-istess att fl-eventwali kontumacja taghhom.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 6 t'Awissu, 2003 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u in-nota tax-xhieda ta' tal-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti;

Rat in-nota prezentata mill-konvenuti fis-26 ta' Marzu 2004 li biha ammettew t-talbiet attrici;

Semghet ix-xhieda ta' tal- attruri;

Semghet l-Avukat ta' tal-atturi

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Tilqa' t-talbiet ta' l-atturi kif dedotta u ghalfini tat-tieni talba tinnomina lin-Nutar Dr Paul Pullicino biex jipubblika l-kuntratt relattiv fi zmien tlett xhur millum u tinnomina lil Avukat Dr. Veronica Aquilina biex tirraprezenta lill-konvenuti fuq l-istess att fl-eventwali kontumacja taghhom.

Bl-ispejjez a kariku tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------